MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1843/2003

**Carmel Attard**

**Vs**

**Martin Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' mitejn u ghaxar liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm210.10) rappresentanti danni imgarrba mill-attur in segwitu ghal incident tat-traffiku li sehh nhar it-3 ta' Frar 2003, wara li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru BBB 491 tat-tip SEAT TERRA proprjeta tieghu u habat gol-vettura ta'l-attur bin-numru JAT 272 tat-tip SEAT MARBELLA, misjuqa minn Daphne Ann Attard u dana kollu minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta'l-istess Martin Spiteri.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra bonarja datata 19 ta’ Awissu 2003 kontra l-konvenut.

Wara li ra il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Dicembru 2003, fejn il-konvenut prezenti give awtorizzat jippresenta ir-risposta tieghu ghal kawza fi zmien hmistax-il gurnata.

Wara li ra li dan it-terminu iddekorra inutilment stante illi l-konvenut ma ipprezentax ir-risposta tieghu ai termini ta’l-istess verbal.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-19 ta’ Frar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ mitejn u ghaxar liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm210.10).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------